# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum il-5 ta' Diċembru 2023**

**Appell numru 52/2023**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Charles BORG**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Jannar 2023 kontra Charles BORG (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru:330478M) fejn ġie mixli talli:

   Matul is-snin 2009 u 2010 f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

   a. Iffalsifika jew biddel mingħajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija jew xjentement għamel użu jekk minn ħaddieħor mingħajr il-kunsens tas-sid jew;

b. Għamel użu, xjentement, ta' marka ta' sinjal, tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegħ merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
c. Xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq u ċjoe' diversi prodotti varji tal-marka Gilette;

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi għal qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, biegħ, qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetta bil-liġi ta' Malta jew taħtha;
3. U aktar talli fl-istess perjodu lok u ċirkostanzi bil-għan li jieħu vantaġġ għalih innifsu jew għal persuna oħra jew bil-ħsieb li jikkaġuna telf lil xi persuna oħra jew bil-ħsieb li jikkaġuna telf lil xi persuna oħra u mingħajr il-kunsens tal-propretarju, biegħ jew krea jew espona għall-bejgħ jew kiri jew qassam oġġetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakketjar tagħhom kellu fuqu sinjal identiku għal jew li x'aktarx jitħawwad ma' trademark reġistrata'
4. U aktar talli fl-istess perjodu lok u ċirkostanzi bil-għan li jieħu vantaġġ għalih innifsu jew għal persuna oħra jew bil-ħsieb li jikkaġuna telf lil xi persuna oħra u mingħajr il-kunsens tal-propretarju kellu fil-pussess tiegħu jew kustodja jew kontroll tiegħu fil-kors ta' xi negozju xi oġġetti bħal dawk bil-għan li int jew persuna oħra tagħmel xi ħaġa li tkun reat taħt il-paragrafu (b) tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 416, l-Att dwar it-Trademarks, Liġijet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat lill-appellat BORG mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba u konsegwentement illiberatu minn kull ħtija u piena.

## Ċ. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata bili filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellat BORG ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba'

imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-Liġi u dan wara li stqarret is-segwenti (in suċċint):

i) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih in bażi li skont l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant ma kellux suspett dwar in-nuqqas ta' awtentiċita' tal-prodotti li kien qed jixtri minn fuq is-sit elettroniku ċjoe' ma kellux suspett li dawn setgħu kienu oġġetti ffalsifikati/kontraffatti;

Illi l-għan ewlieni tal-Artikolu 298 hu li jipproteġi lill-konsumatur filwaqt illi min-naħa l-oħra għan ewlieni tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 416 huwa dak li jipproteġi lill-propretarju tat-trademarks reġistrati minn atti mhux awtorizzati min-naħa ta' terzi li jsiru għal skopijiet ta' lukru.

Illi ai fini tal-Artikolu 298(1)(a)(ċ) u (f) element fundamentali li jridu ikun preżenti sabiex persuna tinstab ħatja ta' qerq fil-kummerċ taħt dan l-Artikolu, hu li wieħed ikun għamel dan l-att xjentement. B'referenza għall-artikolu 72 tal-Kapitolu 416 ir-rekwiżiti neċessarji sabiex jissussti dan ir-reat huwa li wieħed ikun propretarju ta' markju reġistrat u li persuna oħra b'intenzjoni li tigwadanja għaliha nnifisha jew għal terzi jew altrimenti li tikkawża ħsara u mingħajr il-kunsens tal-propretarju tagħmel waħda minn dawk l-attivitajiet deskritti a par (a) sa (g) tal-istess u b'mod partikolari f'dan il-każ tagħmel l-atti deskritti a par (b) u (ċ) tal-istess dispożizzjoni tal-liġi.

Illi preliminarjament kampjuni ta' dawn l-oġġetti kienu intbgħatu l-Ingilterra sabiex jiġu analizzati fejn (kif hawn aktar qabel indikat) kien ġie kkonfermat minn Gemma Byng li dawn kienu fil-fatt oġġetti falsifikati.

Illi eventwalment ukoll dawn il-prodotti ġew ukoll ikkonfermati li huma falsifikati/kontraffatti mill-eżami komparattiv li sar mill-Av. Martin Bajada fejn ingħata dan l-inkarigu mill-Ewwel Qorti fis-seduta datata nhar it-28 ta' Marzu 2014 u l-espert ippreżenta quddiem il-Qorti r-rapport imħejji minnu nhar is-7 ta' Ottubru 2014.

.../...

Illi fil-każ in deżamina l-appellat, li hu persuna li jaħdem fin-negozju permezz ta' numru tal-VAT li d-dettalji tiegħu jinsbu evidenzjati fil-proċess, kien xtara pakkett ta' blades li fuqhom il-markji falsifikati 'GILETTE', 'FUSION', 'GILETTE MACH 3', 'MACH3', 'MACH3 TURBO' elettroniku ebay bi skop speċifiku ta' bejgħ u konsegwentement sabiex jagħmel qliegħ minn dawn il-prodotti. Mill-provi miġjuba dawn il-prodotti ġew mibjugħa lil Robert Gatt fejn mix-xhieda tal-istess persuna ġie kkonfermat illi dawn il-prodotti reġgħu ġew mibjugħa minn l-istess Gatt fi ħwienet oħra.

Illi l-appellat dejjem baqa' jsostni illi ma kellux ix-xjenza li dawn il-prodotti kienu fil-fatt falsifikati/kontraffatti. Huwa jgħid illi dawn il-prodotti kienu xtrahom minn fuq 'eBay' mingħand persuna jisimha Clare fejn meta mistoqsi x'riċerka kien għamel sabiex jikkonferma jekk il-prodotti humhiex oriġinali o meno. Mix-xhieda tal-appellat joħroġ biċ-ċar illi ma sar l-ebda tip ta' aċċertazzjoni dwar l-awtentiċita' o meno tal-prodotti in kwistjoni anzi joħroġ biċ-ċar biss wara li xtara dawn il-prodotti u wara li ġie mitkellem mill-pulizija, illi beda jiċċekja rigward l-awtentiċita' tal-prodotti mal-persuna li hu jirreferi għaliha bħala Clare.

../...

Illi l-esponent jagħmel referenza ukoll għall-Artikolu 302 tal-Kapitolu 9 fejn jipprovdi illi f'każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f) jitqies li l-akkużat mexa dolożament kemm -il darba ma jippruvax illi wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa hu ma kellux fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu hu akkużat raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kienux veri u li l-akkużat tal-informazzjon kolha meħtieġa li ġiet rikjesta lilu mill-pulizija u li mill-bqija mexa bla ħażen. Skond l-artikolu 299 tal-Kap. 9 jitqies li l-akkużat mexa dolożament kemm -il darba huwa ma jippruvax li kellu ħsieb doluż. Illi referenza issir għall-artikolu 72(3) tal-Kapitolu 416 fejn persuna li tiġi akkużata tista' tgħid b'difiża li kenet taħseb fuq bażi raġonevoli li l-użu tas-sinjal bil-mod kif intuża jew kellu jintuża ma kienx ksur ta' trademark reġistrata. Għaldaqstant l-oneru tal-prova jmur fuq l-akkużat. Huwa l-imputat li jrid juri li ma mexiex dolożament. Illi fil-każ odjern hekk kif diġa spjegat aktar 'il fuq mill-provi ma jirriżultax illi l-imputat appellat ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa skont il-liġi in materja. Huwa veru li fix-xhieda tiegħu l-imputat appellat qal li ma kienx jaf li l-oġġett huwa falisifikati. Mill-banda l-oħra mill-istess xhieda ma jirriżultax li staqsa dwra il-provenjenza tal-oġġetti jew li għamel xi verifiki ndipendenti min-naħa tiegħu. għaldaqstant jidher ben ċar illi l-appellat ma ħax il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jassigura ruħu illi l-oġġetti li hu kien qed jixtri minn fuq sit elettroniku eBay kienux fil-fatt oriġinali iżda sempliċement qal li straħ fuq ir-reviews tax-xerrejja li preċedentement kienu xtraw mingħad il-bejjiegħ.

Illi l-Ewwel Qorti fid-decide tagħha sostniet illi d-differenza bejn il-prodotti l-oriġinali u dawk falsifikati/kontraffatti mhumhiex daqshekk evidenti u ovvji u wieħed jinduna bihom biss meta jeżamina ż-żewġ prodotti ħdejn xulxin fid-dettall u li persuna normali ma kienetx ser tinduna dwar din id-differenza. Il-fattur profond f'dan il-każ hu l-għan tal-prodotti in kwistjoni fejn huma intiżi sabiex jiġu użati fuq il-ġilda ta' persuna. Għalkemm bħala dehra ma kienx hemm differenza kbira bejn il-prodotti oriġinali u dawk falsifikat/kontraffatt, setgħu jkunu ta' detriment għall-konsumatur li kien qed jixtrihom. Kwindi meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-użu tal-oġġet in kwistjoni aktar u aktar l-appellat kellu jagħmel il-verifiki kollha meħtieġa sabiex jiġi assikurat

illi l-prodotti kienu oriġinali. Għaldaqstant l-appellat mhux biss mexa a detriment tal-propretarju iżda l-azzjonijiet tiegħu kienu wkoll a detriment tal-konsumatur.

Illi għaldaqstant mir-riżultanzi proċesswali u in vista tas-suespost l-esponent umilment jemmen illi l-esponent ma kellux jiġi lliberat.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi nhar il-25 ta' Mejju 2010 il-Pulizija rċiviet kwerela mingħand Dr. Luigi Sansone bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera 'The Gillette Company' tal-Istati Uniti tal-Amerika fejn kien allegat illi saru numru ta' 'test purchases' tal-prodott f'diversi ħwienet madwar Malta u kien hemm suspett li dawn il-prodotti kienu ffalsifikati. L-ilment tas-soċjeta' kwerelanti kien jikkonċerna b'mod speċjali l-kwalita' ta' 'shaving blades' li kienu qiegħdin jinbiegħu minn ħanut f'Birkirkara li jġib l-isem ta' X-Zone ta' proprjeta' tal-appellat Charles BORG. Il-Pulizija rrikorrew fl-imsemmi ħanut sabiex issir ispezzjoni min-naħa tagħhom b'rabta ma' din il-kwerela u elevaw numru ta' 'blades' sabiex jibgħatuhom għall-analiħi ġewwa l-Ingilterra fil-laboratorji tal-kumpanija Procter and Gamble Technical Centres Limited. Sussegwentement, ġie kkonfermat li dawk ix-xfafar li ġew elevati mill-istabbiliment ta' X-Zone kienu effettivament kontraffatti. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta wkoll li BORG kien xtara dawn ix-xfafar ffalisifikati tal-marka Gilette minn fuq is-sit elettroniku 'eBay'.

6. Illi sussegwentement nhar it-18 ta' Ottubru 2011, l-appellat BORG tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex iwieġeb għall-imsemmija imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu.

### Ikkunsidrat

7. Illi din hija sentenza preliminari in segwitu għal eċċezzjoni sollevata mill-appellat dwar l-irritwalita' u n-nullita' tar-rikors ta' appell intavolat mill-Avukat Ġenerali in kwantu jsostni li ġie ppreżentat 'fuori termine'.

8. L-Artikoli 414(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> 414.(1) Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fis-subartikoli (4) u (5) tal-artikolu 410, mhux aktar tard minn erbat (4) ijiem tax-xogħol mill-għoti ta' dik is-sentenza, tagħti aċċess lill-Avukat Ġenerali bil-mezzi elettroniċi, permezz tar-reġistratur, fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol minn dakinhar tat-talba, għal kopja skenjata tas-sentenza flimkien ma' kopja skenjata tal-atti tal-kawża u max-xhieda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.

9. L-artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali imbagħad jippreskrivi li:

> 417.(1) L-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tnax-il jum tax-xogħol, li jibdew igħaddu, għall-persuna misjuba ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva, u, għall-Avukat Ġenerali, minn minn dakinhar li jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għall-atti skenjati:

10. F'dan il-każ jirriżulta li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ġiet mogħtija fis-17 ta' Jannar 2023

11. In-nota fis-sensi tal-artikolu 414(1) tal-Kodiċi Kriminali ġiet preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti l-għada, 18 ta' Jannar 2023. Stante li l-artikolu 414(1) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi erbat ijiem tax-xogħol għall-preżentata ta' din in-nota, jiġi li n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija daħlet f'waqtha.

12. Imbagħad wara t-18 ta' Jannar 2023, ir-Reġistratur kellu tliet ijiem tax-xogħol sabiex jibgħat lill-Avukat Ġenerali kopja skenjata tas-sentenza flimkien ma' kopja skenjata tal-atti tal-kawża u max-xhieda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub.

13. Mid-dokument li juri n-notifika tal-kopja skenjata li jinsab mehmuż mal-qoxra ta' wara tal-proċess, stampat fuq il-karta kulurita użata mir-Reġistratur, jirriżulta li din il-kopja skenjata waslet għand l-Avukat Ġenerali fit-2 ta' Frar 202 094136. Dan allura jfisser li kienu għaddew iżjed minn tliet ijiem tax-xogħol. Mal-ewwel daqqa t'għajn allura jirriżulta li verament li t-terminu msemmi mill-Liġi ma ġiex rispettat mir-Reġistratur.

14. L-appell tal-Avukat Ġenerali ġie preżentat fil-21 ta' Frar 2023 u allura għeluq it-tnax il-jum tax-xogħol previst skont il-Liġi u dan stante

li l-jum tal-10 ta’ Frar 2023 ried jiġi maqbuż in kwantu l-Festa ta’ San Pawl Nawfragu u allura mhix jum tax-xogħol għall-finijiet tal-Liġi.

15. Id-Difiża turi d-diżapprovazzjoni tagħha għal dan u tiċċensura l-appell tal-Avukat Ġenerali billi targumenta li dan allura sar b’nuqqas ta’ rispett lejn it-termini statutorji, u konsegwentement kellu jiġi dikjarat null.

16. Il-Liġi ma tippreskrivi ebda regola speċifika dwar x’jiġri fil-każ fejn ir-Reġistratur ma jkunx osserva dan it-terminu. Id-Difiża targumenta li ġaladarba jeżisti terminu, dan kellu jiġi rispettat. Altrimenti huwa inutli li l-Liġi tippreskrivi termini li jistgħu jiġu injorati. F’dak il-każ ikun imissu li dak it-terminu jiġi abrogat minħabba li jkun ġie reż inutli.

17. Il-ġurisprudenza fuq din il-punt mill-banda l-oħra tipprovdi posizzjoni ċara: ma jkun hemm ebda nullita dment li l-Pulizija u l-Avukat Ġenerali jirrispettaw it-termini tagħhom – anke jekk ir-Reġistratur ikun naqas milli josserva tiegħu.[1] Din il-Qorti taqbel ma din il-posizzjoni ġurisprudenzjali.

---

[1] Fil-fatt fil-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Natasha Mohnani,** tas-6 ta’ Ġunju 2002:

> Illi umbaghad, anki kieku veru kien hemm trasgressjoni da parti tar-Registratur f’ dan il-kaz - li ma kienx hemm bhala fatt - din il-kwistjoni gja giet sollevata u deciza minn din il-Qorti diversi drabi u gie dejjem ritenut li ma jkun hemm ebda nullita’ , purche’ li l-Pulizija jipprezentaw in-nota fiz-zmien lilhom moghti u purche’ l-Avukat Generali jipprezenta rikors fi zmien tmint ijiem utili minn dak in-nhar li hu jircevi l-atti u li l-istess Avukat Generali m’ghandux jigi penalizzat minhabba li r-registratur - li mhuwiex parti fil-kawza - ma jkunx osserva t-termini imposti fil-ligi . (App. Krim. Pul. vs. Charles sive Carmelo Spiteri - 14.3.1983 u App. Krim. Pul. vs. Robert Pace 15.12.1999.)

Imbagħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Deguara** tal-20 t’April 2004 intqal ukoll:

> Fil-kaz in ezami, is-sentenza appellata nghatat fil-21 ta' Novembru 2003 u n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn gharraf li kien bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza giet ipprezentata fl-24 ta' Novembru 2003. Ir-rikors ta' appell gie pprezentat fis-26 ta' Jannar 2004, u f'dan ir-rikors l-Avukat Generali ddikjara - u dan mhuwiex kontestat - li kien ircieva l-atti tal-kawza fil-21 ta' Jannar 2004. Dan ifisser li l-atti waslu ghand l-Avukat Generali xahrejn wara li kienet inghatat is-sentenza.
>
> Filwaqt li din il-Qorti tqis tali dewmien bhala deplorevoli u tittama li nuqqas simili ma jirrepetix ruhu, l-appellat xorta m'ghandux ragun fl-eccezzjoni minnu sollevata. Difatti din il-kwistjoni diga` giet sollevata u deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta diversi drabi. L-ewwel darba li jidher li giet investigata din il-kwistjoni kien fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles sive Carmelo Spiteri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Marzu 1983. Fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza, din il-Qorti tara li ma hemm ebda nullita` f'dan il-kaz. F'dik is-sentenza gie ritenut li, purche` li l-Pulizija jipprezentaw in-nota fiz-zmien moghti lilhom u purche` li l-Avukat Generali jipprezenta r-rikors fi zmien tmint ijiem utili (tnax-il jum utili fil-kaz ta' appelli minn Ghawdex) minn dak inhar li hu jircievi l-atti, l-istess Avukat Generali m'ghandux jigi penalizzat minhabba li r-Registratur, li ma huwiex parti fil-kawza, ma jkunx osserva t-termini imposti fuqu bil-ligi.
>
> Fil-kaz in ezami, il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta n-nota tieghu entru t-terminu ta' erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, filwaqt li l-Avukat Generali pprezenta r-rikors ta' appell entru t-terminu ta' tmint ijiem tax-xoghol minn dak inhar li rcieva l-atti.
>
> Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat hi michuda.

Ara wkoll fl-istess sens: App. Krim. **Il-Pulizija vs Robert Pace**, 15 ta' Dicembru 1999; App. Krim. **Il-Pulizija vs Mario Camilleri**, 27 ta' Ottubru 2000; App. Krim. **Il-Pulizija vs Natasha Mohnani**, 6 ta' Gunju 2002.

18. Wara li l-Avukat Ġenerali irċeviet il-proċess fl-20 ta' Diċembru 2022 hija għaddiet biex preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Jannar 2023. Dan allura jfisser li kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Ġenerali irrispettaw it-termini rispettivi tagħhom. Apparti minn hekk ma jirriżultax li f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali kienet parti prosekutorja fil-kawża in kwantu din jirriżulta li tmexxiet mill-Kummissarju tal-Pulizija.

# DECIDE

**B'hekk tiċħad il-preġudizzjali tan-nullita tal-appell tal-Avukat Ġenerali u tordna l-prosegwiment tat-trattazzjoni tal-appell fil-meritu fis-seduta li jmiss.**

**Iżda stante li dawn l-aħħar xhur din il-Qorti rat li kien hemm numru ta' każijiet fejn preġudizzjali simili reġgħu bdew ifeġġu, il-Qorti tordna lir-Reġistratur sabiex jagħti dawk id-direttivi meħtieġa lill-ħaddiema li jaħdmu fir-Reġistri u li jaqgħu taħt ir-responsabilita tiegħu sabiex jassiguraw li t-termini statutorji preskritti mill-Liġi jiġu osservati. Imbagħad, jekk ikun iqis opportun, jispetta lill-Leġislatur li jippreskrivi, bis-saħħa ta' liġi miktuba ċara, xi jkunu l-konsegwenzi fil-każ li r-Reġistratur jonqos milli josserva dawn it-termini.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**